MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 420/2005

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Caroline Micallef (ID318074M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Caroline Micallef u b'digriet tad-19 ta' April, 2005, giet ordnata il-korrezzjoni fis-sens illi wara Caroline Micallef jizdiedu l-kliem « illum Sultana »**

**vs**

**Berenice Beverley Zammit (ID349980M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Frar, 2005 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u sittin lira Maltija u disgha u tmenin centezmu (Lm260.89) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tal-15 ta' Mejju, 2003, fi Triq Sarria, Floriana, bejn il-vettura bin-**

**numru GAB-172 misjuqa mill-konvenuta, u l-vettura numru ATO-574 misjuqa minn u proprjeta' ta' l-assikurata tas-socjeta' attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.**
**Interpellata sabiex thallas permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Frar, 2004, il-konvenuta baqghet inadempjenti.**
**L-ammont mitlub jinkludi hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00) 'Excess' imhallsa mill-assikurata tas-socjeta' attrici, Caroline Micallef, li kienet assikurata taht polza 'comprehensive' mas-socjeta' attrici.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Frar, 2004, u tal-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenuta, u bl-imghax pagabbli mill-4 ta' Frar, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta fis-27 ta' April, 2005, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante li l-incident stradali in kwistjoni ma sehhx b'tort tal-konvenut imma b'tort tas-sewwieq l-iehor, ossija l-attrici Caroline Micallef, minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi jridu jaghmlu prova tad-danni rejalment subiti minnhom.**
**Salv eccezzjonijiet ohra, permessi mill-Ligi.**
**Semgha x-xhieda ta' Caroline Sultana, PS928 Ramon Mifsud Grech.**
**Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra :**

**1. Il-kaz jirrigwarda ncident li sehh fil-15 ta' Mejju, 2003 fi Triq Sarrija Floriana bejn il-vettura bin-numru GAB-172 misjuqa mill-konvenuta, u l-vettura numru ATO-574 misjuqa minn u proprjeta' ta' l-assikurata tas-socjeta' attrici.**

**2. Jirrizulta illi l-assigurata tas-socjeta' attrici kienet qed issuq fil-karreggjata ta' barra miexja fid-direzzjoni tal-Belt u meta waslet hdejn St Publius Square l-konvenuta dahlet fiha fuq in-naha tax-xellug. Il-konvenuta tghid illi waqt li ghaddejja minn Triq Sarrija fid-direzzjoni ta' St Publius Square xeghlet l-indicator, semghet horn, isswervjat pero' xorta sehhet il-kollizzjoni. Il-vettura tal-konvenuta kellha l-hsara fuq in-naha tal-lemin.**

**3. Ir-ritratti Dok CS 1 u aktar id-Dok CS 2 jindikaw illi kien hemm karozzi parkeggjati fuq il-lemin ta' l-attrici, filwaqt illi fuq ix-xellug taghha hemm bus lane. Kif spiccaw il-vetturi ta' bil-fors il-vettura tal-konvenuta kienet ghaddejja jekk mhux kollha parzjalment fil-bus lane qabel ma sehh l-incident. Kif xehed PS 928 Ramon Mifsud Grech li nvestiga l-incident jekk taqta' l-karozzi parkeggjati u l-bus lane ma hemmx minn fejn ighaddu zewg karozzi.**

**4. L-attrici tghid li ma rat l-ebda indicator mixghul fil-vettura tal-konvenuta, u cahdet ukoll illi daqqet il-horn. L-attrici kissret ukoll, kif in se jidher mit-ritratt Dok CS 2 referibilment ghar-roti taghha u dana sabiex tevita kollizzjoni mal-vetturi parkeggjati.**

**5. Il-hsara fuq il-vettura ta' l-attrici kien fuq il-mudguard ta' quddiem in-naha tax-xellug, filwaqt li l-konvenuta kellha l-hsara fuq il-ponta tal-lemin ta' quddiem.**

**6. Jigi rilevat illi f'din il-kawza l-konvenuta ma xehditx u t-Tribunal sariltu referenza ghal dak li qalet il-konvenuta fil-claim form Dok SM. It-Tribunal jirrileva li dan id-dokument ma jitfa' ebda dawl partikolari dwar kif sehh l-incident.**

**7. It-Tribunal wara li kkunsidra c-cirkostanzi kollha huwa tal-fehma illi l-konvenuta ma kienetx qed izzomm a proper look out, apparti li kienet ghaddejja parzjalment mill-bus lane, minn fejn mhux suppost ighaddi. Tenut kont ta' dan ma tirrizulta ebda**

**negligenza da parti ta' l-attrici u konsegwentement hija l-konvenuta li ghandha taghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-attrici. Id-danni jinsabu pruvati mid-dokumenti esebiti Dok GMI 1 et seq u dana fl-ammont reklamat.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' mitejn u hamsa u tletin lira u hamsa u tmenin centezmu (Lm235.85) u, lill-attrici Caroline Sultana s-somma ta' hamsa u ghoxrin lira (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Frar, 2004 sal-gurnata tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-4 ta' Frar, 2004, u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz kontra l-assigurazzjoni tal-konvenuta, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------